KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IT-TMIEN (8) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Disgħa u Tletin (39)***

***It-Tlieta, 26 ta' Ottubru, 2021***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' b'mod virtwali għal-laqgħa tal-Kunsill fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm) fil-bini tal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| IL-VICI SINDKU | CHRISTINE DALLI |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | ANDREAS GATT |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

SEGRETARJU EŻEKUTTIV - FIONA CUTAJAR

**MINUTI**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari ta’ l-ittri tal-apoloġiji

39.1.1 Ma tressqu ebda ittri ta’ apoloġiji.

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq għall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgħa Numru 38 li nżammet nhar it-Tnejn, 27 ta’ Settembru, 2021.

39.2.2 Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 38 tqassmu minn qabel u għaldaqstant unanimament ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

39.2.3 **Mozzjoni 39-01**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Kunsill Numru 38.

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

Il-Minuti Numru 38 ġew approvati unanimament.

## 39.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta’ Pagamenti

A. ***Skeda ta’ Pagamenti : Numru 39 (08) – Ottubru 2021***

39.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 39(08) permezz cheque numru 7176 (ref. 10021) sa 7178 (ref. 10023) kif ukoll permezz ta’ *bank transfers* b’referenza numru 10110 sa 10141 li jammontaw €43,257.69

39.3.2 **Mozzjoni 39-02**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni ta’ l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 39(08) bl-ammont ta' €43,257.69

Proponent: Il-Kunsilliera Rose Agius

Sekondant: Il-Vici Sindku Christine Dalli

L-iSkeda ta’ Pagamenti Numru 39(08) ġiet approvata unanimament.

**39.4 <u>Approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2020*</u>**

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Accountant tal-Kunsill permezz ta' zoom call.*

39.4.1 L-*accountant* tal-Kunsill taha spjegazzjoni tal-figuri imniżżla fl-*Audited Financial Statements* bl-aġġustamenti li għaddew l-awdituri.

39.4.2 Wara l-ispjegazzjoni, is-Sindku Darren Abela ressaq mozzjoni għall-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2020*.
**Mozzjoni 39-03**: Tressqet mozzjoni għall-approvazzjoni tal-*Audited Financial Statements 2020*

Proponent: Il-Vici Sindku Christine Dalli
Sekondant: Il-Kunsilliera Rose Agius

L-*Audited Financial Statements* tas-Sena 2020 ġew approvati unanimament.

*L-Accountant tal-Kunsill ħareġ mill-Laqgħa.*

**39.5 <u>Korrispondenza</u>**

39.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq it-Tgeżwira kantuniera ma Triq Dawret Hal Ghaxaq. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni sakemm terġa' ssir kif inhi bħalissa. Għandna ninfurmawh ukoll li l-bankina tista' tinqala' meta tkun se ssir it-triq. Is-Sindku Darren Abela ppropona li sabiex ma jitilgħux vetturi fuq il-bankina, għandhom jitpoġġew żewġ qsari kbar. Dwar dan il-Kunsill qabel.

39.5.2 Tressqet korrispondenza dwar il-problema ta' vetturi li qed jidħlu u jipparkjaw fi Triq Dar il-Bebbux. Il-Kunsill qabel li jitranġa l-kaptell u jsir wieħed tal-ħadid. L-ispejjeż involuti sabiex issir it-tiswija għandhom jintbagħtu l-Enemalta għall-rimbors. Il-Kunsill qabel ukoll li jitwaħħlu tabelli sabiex ma jidħlux vetturi kbar u li juri l-wiesgħa tat-triq.

39.5.3 Tressqet korrispondenza sabiex jinxtara ktieb ġdid għat-tfal. Il-Kunsill qabel li wara li jikkonsulta mal-librara għandu jixtri żewġ kotba.

39.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet korrispondenza sabiex titħallas l-*membership* tal-Ekoskola. Il-Kunsill qabel.

39.5.5 Tressqet korrispondenza sabiex issir un/loading parking bay quddiem ic-Childcare Centre fi Triq il-Fejġel. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

39.5.6 Fuq talba tas-Segretarju Eżekuttiv, il-bilanċ tal-leave ta' din is-sena attwali
Li mhux meħud minħabba esiġenzi ta' xogħol u li jammonta għall-62 siegħa, jiġi trasferit għas-sena 2022. Il-Kunsill qabel unanimament.

39.5.7 Tressqet kwotazzjoni sabiex issir camera oħra fejn it-Turretta. Il-Kunsill approva li titwaħħal camera oħra tagħti fuq it-Turretta.

39.5.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ilment mingħand resident li joqgħod fi Triq il-Kunċizzjoni rigward il-bollard. Jidher li dan l-ilment ġie solvut iżda s-Sindku Darren Abela ppropona li peress li t-triq issa ma tinfidx, għandha titwaħħal tabella li tindika dan.

39.5.9 Tressqet korrispondenza mingħand il-Greenpak dwar twaqqif tas-servizz tal-ħlas lill-Kuntratturi għal ġbir ta' kartun minn ħwienet kummerċjali. Is-Sindku Darren Abela qal li talab kwotazzjoni lill-kuntrattur preżenti dwar dan il-ġbir iżda ingħatajna direzzjoni li mhux fl-obbligu tal-Kunsill li dan l-iskart jinġabar. Il-Kunsill qabel li f'każ li din il-kwistjoni ma tissolviex sa l-aħħar ta' din il-ġimgħa, il-Kunsill għandu jtella' post fuq il-medja soċjali dwar dan.

*F'dan l-istadju tal-laqgħa attenda l-Kunsillier Keith Fenech.*

39.5.10 Tressqet korrispondenza dwar PA/02831/12 dwar bini ta' kamra tan-Nar fil-konfini ta' Ħal Għaxaq. Il-Kunsill qabel unanimament li għandu joġġezzjoni għal din il-proposta minħabba li fir-raħal hawn erbgħa kmamar tan-Nar, din il-kamra se tkunu viċin ħafna ta' postijiet importanti bħal Kappella ta' Santu Kristu u l-Kappella ta' Santa Luċija u minħabba li din il-proposta tista' taffetwa ħafna bdiewa. Wara li tiġi sottomessa din l-oġġezzjoni, il-Kunsill għandu jippublika ukoll fuq il-medja soċjali.

**39.6 <u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>**

39.6.1 Is-Sindku Darren Abela qal li l-Librerija se tkun qed tingħalaq temporanjament meta jsir il-proġett tal-iskola. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li nitkellmu mal-Kappillan sabiex naraw nistgħux nagħmlu użu mill-kamra li għandu fejn il-*ground* fi Triq il-Barbazzal. F'każ li din tingħata l-Kunsill, il-Kunsill qabel fil-prinċipju li jirrangaha u ssir librerija temporanja.

39.6.2 Il-Sindku Darren Abela qal li t-tabelli ta' Merħba se jsiru fuq *background* abjad skond kif ppproponew il-maġġoranza tal-Kunsill. Fuq il-motto jidher li fil-ktieb tal-Kunsill imniżżel bħala 'Ħienja Nżomm' iżda dwar dan għandna nikkonfermaw sewwa.

39.6.3 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn titwaħħal mera kif toħroġ minn Trejqet it-Torri Kalamija. Il-Kunsill approva.

39.6.4 Is-Sindku Darren Abela informa li dakinhar tal-President Fun Run huwa se jkun Indispost u għaldaqstant stieden lill-Viċi Sindku Christine Dalli biex tattendi minfloku.

39.6.5 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm problema dwar it-tmigħ tal-qtates fejn il-Librerija minħabba li qed ikun hemm ammont ta' ħmieġ li qed idejjaq lir-residenti. Il-Kunsill qabel li f'dik iż-żona ma jibqax isir tmigħ lill-qtates u għaldaqstant għandha titneħħa l-cat shelter. Il-Kunsill qabel unanimament li f'żoni residenzjali ma jsirux *cat shelters* u *cat feeding* ħlief f'każijiet fejn jinġiebu l-firem tar-residenti tal-madwar kollha.

39.6.6 Is-Sindku Darren Abela qal li hemm bżonn isiru xi tiswijiet fis-soqfa tat-Turretta. Għaldaqstant se jkun qed ikellem lill-Perit tar-Restoration sabiex issir stima tax-xogħol li hemm bżonn li jsir biex wara nġibu l-istimi għal dan ix-xogħol.

39.6.7 Is-Sindku Darren Abela ppropona li l-Kunsill jħallas għal trasport sabiex nieħdu l-anzjani tagħna għat-tilqima tal-Influwenza fil-Health Centre Raħal Ġdid. Dwar dan il-Kunsill qabel.

39.6.8 Is-Sindku Darren Abela informa li l-Pulizija mhux ser ikunu qed jieħdu ħsieb iktar l-infurzaru l-clearance waqt attivitajiet. Għaldaqstant il-Kunsill se jkun qed joħroġ il-permessi għall-attivitajiet skond kif titlob il-liġi. Rigward egħluq ta' toroq ppropona li jinxtraw bollards sabiex tingħalaq il-Pjazza kull meta jkun hemm bżonn minħabba attivitajiet. Dwar dan ħadd ma kellu oggezzjoni.

## 39.7 <u>Mistoqsijiet u Tweġibiet mill-Kunsilliera</u>

39.7.1 Il-Vici Sindku Christine Dalli qalet li wara li kellha laqgħa mal-kuntrattur tal-irrigation informana li dan se jibda dil-ġimgħa.

39.7.2 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar il-panelli tal-Ġnien. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sar il-proċess biex dawn jitqabbdu.

39.7.3 Il-Kunsilliera Rose Agius qalet li se tkun qed tagħmel laqgħa ma persuna li tieħu ħsieb it-telecare tal-anzjani.

39.7.4 Il-Kunsilliera Rose Agius staqsiet dwar jekk kienx hemm xi żviluppi rigward il-permess tal-campsite. Is-Sindku Darren Abela qal li s'issa l-permess għadu ma ħariġx.

39.7.5 Il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li tinstab data meta ssir l-ikla tal-Kunsill tal-Milied. Il-Kunsill ppropona li ssir fit-3 ta' Diċembru 2021.

## 39.8 <u>Mozzjonijiet</u>

39.8.1 Annessi mal-Minuti

**39.9 <u>Aġġornament tal-Laqgħa u Data tas-Seduta li jmiss</u>**

39.9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata għat-Tlieta 23 ta' Novembru 2021 fil-5.30pm u se ssir fil-Kunsill Lokali.

Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30pm

| | |
|---|---|
| ________________________ | ________________________ |
| Fiona Cutajar | ikkonfermati |
| Segretarju Eżekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |

**Minuti tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq – Seduta Nru 39**

**Mozzjoni Ref:** 39-01

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati il-Minuti tal-Laqgħa Numru 38

**Rose Agius**
**Proponent**

**Christine Dalli**
**Sekondant**

**Data:** 26 ta’ Ottubru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 39**

**Mozzjoni Ref: 39-02**

Biex tiġi approvata l-iSkeda ta' Pagamenti Nru 39(08)

| | |
|---|---|
| **Rose Agius**<br>**Proponent** | **Christine Dalli**<br>**Sekondant** |

---

**Data:** 26 ta' Ottubru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**

**Minuti tal-Kunsill Lokali Hal Ghaxaq – Seduta Nru 39**

**Mozzjoni Ref: 39-03**

Biex jiġi approvat l-Audited Financial Statáments 2020

**Christine Dalli**
**Proponent**

**Rose Agius**
**Sekondant**

---

**Data:** 26 ta' Ottubru 2021

Fiona Cutajar
**Segretarju Ezekuttiv**